# Restawr tal-Istandard ta' Birżebbuġa



Kien il-Hadd 29 ta' Ottubru 1978 meta Dun Karm Frendo ħa l-pusses ta' kappillan tal-parroċċa tagħna. Dak iż-żmien il-Banda San Pietru kienet akkumpanjatu b'marċ brijuż fejn wara fil-Knisja Parrokkjali ħa l-mandat ta' kappillan. Wara li ntemmet il-quddiesa tal-pussess, il-Banda San Pietru reġgħet akkumpanjatu sad-dar tiegħu. Dakinhar il-kappillan Dun Karm Frendo kien ippreżenta lis-Soċjetá standard bl-emblema ta' Birżebbuġa.



Illum 37 sena wara inħass il-bżonn li dan l-istandard jiġi restawrat. Bħala ħjata kellu bżonn xi tiswijiet minimi speċjalment fin-naħa ta' fuq u fil-frenza fejn dan ġie rranġat minn Josephine Zammit. Il-pittura kienet tidher evidenti li mhux qiegħdha fi stat tajjeb, infatti l-aħħar li ntuża kien fl-attività li kienu organizzaw l-Għaqda Storja u Kultura f'Settembru tas-sena l-oħra. Wara li ħadna parir ta' espert f'dan il-qasam huwa issugerixxa li minħabba l-preġju li fih, kif ukoll li drapp mhux qiegħed fi stat gravi tiġi rranġata l-pittura biss u d-drapp jibqa dak li hu. Hawn kellimna lil Michael Farrugia sabiex jagħmel dan ix-xogħol. Hu għamel dan ix-xogħol bla ebda ħlas u bħas-soltu b'tant dedikazzjoni u profesjonalità. Qabel ma beda dan ix-xogħol ħa kampjuni ta' kull parti tal-istandard sabiex ikun jaf x'kienu l-kuluri u kif kien impitter qabel tqaxxar. Wara sar tindif fuq il-pittura u tqaxxar kull fejn kien hemm bżonn fejn dan il-proċess ħa ħafna fit-tul. Hawn Michael pitter il-partijiet nieqsa tal-emblema kif ukoll l-skroll li hemm taħt.



F'dawn il-ġranet nistgħu nerġgħu ingawdu il-memorja ta' Dun Karm Frendo permess ta' dan l-istandard, apparti affarijiet oħra li kien għamel sabiex il-festa tagħna tikber.